# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 23**

**Rikors numru 338/16/2 AF**

**Michael Attard Limited (C – 32362)**

**v.**

**Raymond Bezzina u Maria Dolores Bezzina**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat Raymond Bezzina (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju, 2018 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti astjeniet milli tqis l-ewwel talba attriċi (li tisma' u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ) u laqgħet it-tieni talba

attriċi limitatament fl-ammont ta' mija u għaxart elef u erbgħin ewro u għaxar ċenteżmi (€110,040.10), bl-imgħax kif mitluba. Ordnat ukoll li l-oriġinal tal-kambjali jiġu mgħoddija mill-kumpanija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellata") lill-appellant mal-ħlas effettiv;

2. Fl-att li bih fetħet il-kawża, il-kumpanija attriċi appellata tgħid li daħlet fi ftehim mal-intimati li bis-saħħa tiegħu ffirmaw favuriha sensiela ta' kambjali li lkoll immaturaw u baqgħu ma tħallsux. Qalet li l-intimati baqgħu ma ħallsux l-ammont ta' mija u tnax-il elf, erba' mija u għaxar ewro u sittax-il ċenteżmu (€112,410.16) minkejja li ġew mitluba jagħmlu dan. Billi d-dejn huwa ċert, likwidu u dovut, trid li l-proċeduri jitmexxew kontra tagħhom bid-dispensa tas-smigħ u jiġu kkundannati jħallsu l-imsemmi bilanċ flimkien mal-imgħax miġmugħ fuqu;

3. Illi fil-jum tas-smigħ deher biss l-appellant u l-Qorti tatu żmien biex jilqa' għat-talbiet attriċi billi jippreżenta Tweġiba Maħlufa, filwaqt li, fil-konfront tal-intimata Maria Dolores Bezzina sabet li din kienet naqset li tidher meta ssejħet il-kawża, u b'sentenza li tat dakinhar stess[1], laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-istess intimata bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kif mitluba;

---

[1] PA AF, 10.10.2016 fil-kawża fl-ismijiet **Michael Attard Limited v. Raymond Bezzina et**, Rik.Nru. 338/16 u li s-sentenza fl-appell imressaq minnha qiegħda tingħata llum ukoll minn din il-Qorti.

4. Illi l-appellant laqa' għat-talbiet attriċi permezz ta' Tweġiba tal-31 ta' Ottubru, 2016, fejn b'mod preliminari qal li l-azzjoni attriċi ma tiswiex billi ġiet maħlufa minn persuna li m'għandhiex ir-rappreżentanza ġuridika tal-kumpanija attriċi. Qal ukoll li f'azzjoni ta' din il-għamla, il-kumpanija attriċi kellha tippreżenta l-kambjali oriġinali u għalhekk, f'nuqqas bħal dan, l-azzjoni hija wkoll nulla[2]. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-ammont mhux dovut kollu, kif ukoll li t-tieni talba għandha tiġi miċħuda billi fl-ammont mitlub qiegħed jintalab imgħax fuq imgħax;

5. Illi l-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti biex tat is-sentenza appellata huma dawn:

> *"Ikkunsidrat li din hija actio cambiaria fejn is-soċjetà attriċi qeghda titlob il-ħlas ta' €112,410.16 rappreżentanti bilanċ ta' import ta' 643 kambjala skaduta, aċċettati u ffirmati mill-konvenuti. Da parti tiegħu, il-konvenut ressaq numru ta' eċċezzjonijiet filwaqt illi l-konvenuta ma dehritx fil-jum appuntant għas-smigħ u peress illi l-Qorti qieset illi ma kellha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq, ingħatat sentenza fil-konfront tagħha fl-10 ta' Ottubru 2016.*
>
> *"Dwar l-eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw f'kawża ta' din ix-xorta, l-artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jaqra hekk:*
>
>> *"(1) L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.*
>>
>> *(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma."*
>
> *"L-artikolu sussegwenti jiddisponi hekk:*
>
>> *"Ma tistax issir oppożizzjoni għall-ħlas ta' kambjala ħlief fil-każ ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-pussessur."*

[2] Bħala fatt, l-attriċi kienet ressqet kopja tal-kambjali mertu tal-kawża f'Nota tat-13.10.2016, f'paġġ. 33 sa 293 tal-proċess.

*"Fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna nsibu żewġ linji ta' ħsieb dwar dawn l-artikoli tal-liġi.*

*"Fil-każ ta'* **Guillaumier Industries Ltd vs Victor Vella et** *deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Diċembru 1998, intqal hekk dwar l-actio cambiaria:*

> *"Illi a bazi ta' dan l-Artikolu gie deciz li l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerità possibli...." Il-Kambjala hija proprju l-istrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghagla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess esigenzi.*
>
> *"Biex tassigura din ic-celerità, l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-posessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizazzjoni ta' import ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli soluzzjoni " (Qorti tal-Kummerc per Imh. G. Mifsud Bonnici fl-ismijiet: "***John Portelli noe vs Joseph Sullivan***")*
>
> *"Dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza* ***"Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe"*** *(Qorti tal-Kummerc deciza nhar il-15 ta' Novembru 1993 per Imh J.D. Camilleri):-*
>
> *"Appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni ad hoc, ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti."*

*"Fin-noti tiegħu, il-Professur Cremona jispjega li:*

> *"The moment a person signs the bill of exchange ... the obligation arising from that signature is considered to be complete in itself, it acquires a judicial existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evidenced by its bill with the signatures placed hereon. Accordingly, a party to a bill would be liable thereon, not because of any pre existing obligations, but merely because he did actually sign the bill."*

*"Fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet* **Adrian Busietta noe vs Marco Attard** *tad-9 ta' Frar 2001, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:*

> *"Issa filwaqt li hu minnu illi "l-eccezzjonijiet personali huma opponibbli ghall-possessur tal-kambjali li qed jitlob il-hlas taghha u jistghu jirrigwardaw tant l-origini tal-obbligazzjoni kemm l-ezercizzju taghha" (**Vol XXX pIII p499**), u dan a vantagg tal-konvenut kjamat biex jonora l-kambjala, kellu jkun ovvju li l-oggett tal-azzjoni kambjarja ma setax u ma ghandux ikun konfuz mal-oggett li kien jifforma l-obbligazzjoni naxxenti minn negozju u li ta lok ghal hrug taghha. Il-ligi stess proprju bl-insistenza fuq l-awtonomija ta' l-azzjoni kambjarja u bil-limitazzjoni tal-*

*eccezzjonijiet li setghu jinghataw ghaliha, kif ukoll bl-insistenza fuq l-ispeditezza fid-determinazzjoni tal-azzjoni, kienet tiddistingwi u ssalva n-negozju originali li jibqa' soggett ghal verifika u kontestazzjoni, anke wara li tkun giet onorata l-kambjala b'konsegwenza tal-ezekuzzjoni tas-sentenza fuqha moghtija."*

*"Fil-każ fl-ismijiet* ***Integrated Electronics Limited vs Goldkraft Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-25 ta' Frar 2004 intqal hekk:*

*"Issa skond il-prattika kostanti ta' dawn il-Qrati l-hlas tal-kambjali li tkun accettata u skaduta tigi dejjem ordnata meta l-eccezzjonijiet ikunu tali li jehtiegu indagini twila, salvi l-kawteli li l-Qorti jidrilha opportuni, kompriz li tirrizerva l-eccezzjonijiet ghal kawza separata. Jibqa' pero` vitali l-Art 198 (2) tal-Kodici tal-Kummerc illi l-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, m'ghandhiex tkun imdewma.*

*…*

*"Jirrizulta mill-Artikolu 199 tal-Kodici tal-Kummerc illi l-ligi tikkonsenti in via eccezzjonali l-opposizzjoni ghall-hlas tal-kambjala fil-kaz ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-possessur. Il-gurisprudenza mbaghad weriet ukoll illi l-Qorti ghandha d-dover tinvesti eccezzjonjijiet li jolqtu l-ezistenza tal-kambjali stess. In partikolari dawk rigwardanti l-kunsens ta' l-accettant, ad exemplum, id-dolo (****Vol XXXIV pIII p845****; "****Lorenzo Ceci –vs- Alfred J. Baldacchino noe****, Qorti Kummerc, 8 ta' Ottubru 1974). Eccezzjonijiet ohra ammessi li jinstemghu u jigu trattati fl- istess gudizzju tal-azzjoni kambjarja huma l-uzura (****Vol XXIX pIII p319****) u anke l-kompensazzjoni (****Vol XXX pII p499****), basta li din tkun tista' tigi definita malajr."*

*"L-istess Qorti qalet hekk fil-każ ta'* ***Carmelo Sammut et pro et noe vs Armando Bugeja et****, deċiża fit-28 ta' Marzu 2008:*

*"Indiskutibilment, l-azzjoni kambjarja tiddependi esklissivament mill-pussess tal-kambjali jew kambjalijiet u hi ghalhekk diretta biex iggib in gudizzju d-dritt inkorporat fil-kambjali nnifisha in forza ta' l-awtonomija taghha. Isegwi li r-raguni tat-talba b' din l-azzjoni tirrigwarda pretiza bazata fuq il-vinkolu emergenti mill-kuntest, letterali u astratt, tal-kambjali fejn l-oggett immedjat taghha hu dak tal-hlas ta' l-import tal-kambjali. Hu dan li jiddistingwiha mill-azzjoni ordinarja in kwantu f' din ta' l-ahhar l-oggett ta' l-azzjoni hu identifikat b' riferiment ghar- rapport negozjali interkorrenti bejn il-partijiet. Veru li dan l-istess negozju sottostanti hu kollegat mal-kambjali emessa imma dan, se mai, jaghti lok ghall-gudizzju in via ordinarja bid-dixxiplina tipika ta' din l-azzjoni."*

*"Minn naħa l-oħra, insibu deċiżjonijiet bħal ma hija dik fl-ismijiet* ***Bank of Valletta p.l.c. vs Carmel Ray Micallef deċiża*** *minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Frar 2004 fejn ingħad hekk:*

*"Meta tigi girata, it-terz possessur ghandu dritt jagixxi fuq dak li jidher "on the face" tal-kambjala; kambjala girata takkwista ezistenza awtonoma u titqies bhala obligazzjoni fiha nfisha indipendenti mill-obbligazzjoni li wasslet ghall-hrug taghha. Is-sitwazzjoni kienet tkun*

*differenti kieku l-kambjala ma kienetx giet girata, izda baqghet fil-patroncinju tal-kreditur tal-obbligazzjoni, ghax f'dik is-sitwazzjoni l-kambjala ma jkollhiex ezistenza awtonoma, imma titqies biss bhala prova tal-"underlying obligation" li tista' tkun mistharga mill-Qorti f'azzjoni tal-kontraent / kreditur li jagixxi a bazi tal-kambjali.*

*"Dan il-punt gie diskuss minn din il-Qorti fil-kawza "Giordmaina vs Pace", decisa fis-16 ta' Jannar, 2003. F'dik il-kawza, din il-Qorti kienet ghamlet is-segwenti osservazzjoni:*

*"Din il-Qorti trid tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, u meta tibqa f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill- obbligazzjoni originali.*

*"L-iskop ta' kambjala hija li tista' tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu. Minghajr kambjala, kreditur jista jaghmel kuntratt ta' cessjoni ta' dritt taht il-ligi civili, pero`, fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista jissolvela eccezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Ghalhekk, ghall-kreditur, dan id-dritt ta' cessjoni ma tantx hu effettiv ghax ma tantx issib nies lesti jiehdu kreditu ta' haddiehor, u fl-istess hin jibqghu esposti ghall-kwistjonijiet inerenti ghal-obbligazzjoni li ghalih ma kienux parti. Ghalhekk inholqot il-kambjala. Peress li minn jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li waslet ghall-dak il-kreditu, jibqghu estranei ghalih, ghax hu, bhala terz akkwirent, jista jfittex biss fuq il-kambjala. Bejn il-partijiet, pero`, il-kambjala m'ghandiex ikollha din in-natura ghax il- kambjala tkun biss prova tad-dejn li inholoq bejn l-istess partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reciproci tal-istess partijiet huma rilevanti ghall-kull kawza li ssir ghall-hlas. Fi kliem iehor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess, ma tistax timxi wahedha minghajr riferenza ghall- ftehim li wassal ghall-hrug taghha (ara "Scicluna vs Vella", Qorti tal-Kummerc, 18 ta' Marzu, 1965). Kif inghad, il- Qorti ma tistax tordna lill-B ihallas lill-A fuq kambjala, meta A ma jkunx wettaq l-obbligi tieghu li waslu ghall-hrug ta' dik il-kambjala ! (ara ukoll l-artikolu 152 (2) tal-Kodici tal- Kummerc). Il-legislatur Malti ma ghamilx il-kambjala titolu esekuttiv, specifikament biex il-kambjala, diment li tkun ghada fil-pussess tal-persuna favur min inharget, ma tigix uzata bhala magna ta' estorzzjoni, izda minn jitlob hlas fuqha ikun irid jiggustifika t-talba tieghu, ghax altrimenti tista tkun obbligazzjoni bla kawza (jekk ma jkunx wettaq id-doveri tieghu) li ma tistax tigi enforzata. Kambjala ma tohloq qatt novazzjoni tal-obbligazzjoni precedenti (ara "Portelli vs Schembri", Qorti tal-Kummerc, 1935, Vol. XXIX. III .80), u f'kazi simili l-kambjala hija intiza biss biex tiffacilita l-pagament, u mhux ghall-skop iehor – pro solvendo u mhux pro soluto.""*

*"Fil-kawża tal-lum, il-Qorti tqis illi fi kwalunkwe każ, l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut mhumiex tali li jeħtieġu xi eżami fit-tul.*

*"Permezz tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi n-nullità tal-proċeduri. Il-konvenut ma jispeċifikax taħt liema waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 789(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa qiegħed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu li r-rikors promotur ma jiswiex.*

*"Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni, din ġiet sorvolata in kwantu li fil-mori tal-kawża l-attriċi ppreżentat resoluzzjoni tal-bord tad-diretturi minn fejn jirriżulta li Stefan Sacco huwa awtorizzat jirrappreżenta lill-attriċi fi kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji, inkluż allura, din tal-lum.*

*"Referibbilment għat-tieni eċċezzjoni, il-Qorti ma tqisx illi n-nuqqas tal-attriċi milli teżebixxi l-kambjali oriġinali jwassal għan-nullità tal-azzjoni. Fil-kawża tal-lum, il-konvenut mhuwiex jikkontesta l-awtentiċità tal-kambjali. Madanakollu, il-Qorti ser tordna li l-kambjali de quo jiġu mal-ħlas riċevut mgħoddija lill-konvenut.*

*"L-ewwel u tieni eċċezzjonijiet tal-konvenut qegħdin għalhekk jiġu miċħuda.*

*"Fil-mertu, il-konvenut jeċċepixxi li l-ammont mitlub mhuwiex dovut kollu għaliex numru ta' vetturi li dwarhom jirreferu dawn il-kambjali ġew ritornati lill-attriċi. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut jiġġestixxi negozju tal-kiri ta' vetturi. Għal dan il-għan, huwa kien jixtri numru sostanzjali ta' vetturi mingħand l-attriċi. Dan kien isir fuq bażi ta' hire purchase b'dan illi għal kull vettura l-konvenut kien jagħmel down payment u l-ammont li kien ikun għad-fadal mill-prezz miftiehem kien iħallashom permezz ta' pagamenti mensili li kienu koperti b'sensiela ta' kambjali ffirmati minnu u minn martu l-konvenuta.*

*"Fl-affidavit tagħhom, il-konvenut u bintu Graziella Bezzina jgħidu li l-konvenut waqaf jagħmel pagamenti fuq il-vetturi li xtara mingħand l-attriċi minħabba li n-negozju beda sejjer ħażin. Jgħidu li għad-diffikultajiet finanzjari tal-konvenut jaħti ċertu Christian Borg li kien daħal fi sħab mal-istess konvenut u li allegatament kien iżomm għalih il-flus kollha li kienu jdaħħlu huma t-tnejn mill-kiri tal-vetturi.*

*"Il-konvenut jgħid illi kien wasal fi ftehim ma' Michael Attard innifsu sabiex huwa jbiegħ il-vetturi li fuqhom kien hemm dejn u mill-flus li jdaħħal iħallas lill-attriċi l-bilanċ rimanenti dovut fuq kull vettura. Jgħid ukoll illi kien irritorna numru ta' vetturi lill-attriċi. Minkejja li esebixxa elenku tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-vetturi, jgħid illi m'għandu l-ebda riċevuta la ta' ħlas u lanqas għal dawk il-vetturi li allegatament irritorna, għaliex Michael Attard ma kien jaghtih xejn. Graziella Bezzina tikkonferma dan kollu fl-affidavit tagħha.*

*"Da parti tiegħu, Stefan Sacco għall-attriċi, jikkonferma li l-konvenut kien qiegħed jagħmel xi pagamenti fuq kambjali skaduti kif ukoll illi kien irritorna xi vetturi. Madanakollu, huwa jkompli billi jgħid illi dawn kienu kambjali u vetturi oħra li mhumiex il-mertu ta' dawn il-proċeduri. L-*

*istess rappreżentant jispjega li numru żgħir ta' kambjali għaddew fuq Graziella Bezzina, bint il-konvenut, u allura l-ammont dovut mingħand il-konvenut illum huwa ta' €110,040.10.*

*"Din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita l-verżjoni tal-attriċi fid-dawl tan-nuqqas ta' prova miġjuba mill-konvenut. Kien jispetta lill-konvenut li jġib prova ta' dak li allegatament ħallas u liema kienu l-vetturi li jgħid li rritorna lill-attriċi. Għal din il-Qorti, elenku ta' vetturi magħmula mill-konvenut stess, mhux verifikat mill-attriċi jew minn dokumentazzjoni oħra, mhuwiex biżżejjed. Dan speċjalment in vista tal-fatt illi fl-udjenza tal-23 ta' Mejju 2017 il-konvenut iddikjara li huwa ma jafx kemm għandu jaghtih lil Michael Attard.*

*"B'żieda m'hekk, dak li wassal sabiex il-konvenut ma baqax aktar f'posizzjoni sabiex jonora l-pagamenti lill-attriċi ma jikkonċernax lill-Qorti imma jekk huma dovuti lilu xi flus minn terz, il-konvenut huwa liberu li jressaq il-pretensjonijiet tiegħu permezz ta' ġudizzju separat kontra l-istess terz.*

*"It-tielet eċċezzjoni tal-konvenut qiegħda għalhekk ukoll tiġi miċħuda.*

*"Permezz tar-raba' u l-aħħar eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi li parti mit-tieni talba attriċi hija insostenibbli għaliex tinkludi talba għal imgħax fuq imgħax. Il-Qorti tqis illi l-konvenut lanqas m'għandu raġun f'din l-eċċezzjoni tiegħu. L-ammont mitlub huwa l-bilanċ dovut fuq il-kambjali skaduti li ma tħallsux. L-attriċi qiegħda titlob li l-imgħax fuq il-bilanċ jibda jiddekorri mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala. Dan l-imgħax għandha dritt għalih a tenur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili:*

> *"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita."*

*"Għaldaqstant, l-aħħar eċċezzjoni tal-konvenut ukoll qiegħda tiġi respinta*";

6. Illi l-appellant ħassu aggravat mill-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq minnu fit-28 ta' Mejju, 2018, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti, filwaqt li jogħġobha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn astjeniet milli tieħu aktar qies tal-ewwel talba, tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-bqija tal-imsemmija sentenza, u minflok tilqa' l-

eċċezzjonijiet kollha tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellata;

7. Illi permezz ta' Tweġiba tat-18 ta' Ġunju, 2018, il-kumpanija appellata laqgħet billi qalet li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Semgħet it-trattazzjoni mid-difensuri taż-żewġ partijiet waqt is-smigħ tat-18 ta' Mejju, 2021;

10. Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

11. Illi din hija azzjoni kambjarja mressqa bil-proċedura sommarja speċjali li biha l-appellata talbet il-ħlas tal-import ta' sitt mija u tlieta u erbgħin (643) kambjala maturati, aċċettati u ffirmati mill-konvenuti. L-ewwel Qorti ma qisetx aktar l-ewwel talba minħabba li b'digriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2016, kienet tat lill-appellant il-fakulta` li jressaq il-kontestazzjoni formali tiegħu għal-azzjoni attriċi; imma laqgħet it-tieni talba limitatament fl-ammont ta' mija u għaxart elef u erbgħin ewro u

għaxar ċenteżmi (€110,040.10), bl-imgħax kif mitluba. Ordnat ukoll li l-oriġinal tal-kambjali jiġu mgħoddija lill-appellant mal-ħlas effettiv;

12. Illi l-appellant għandu **żewġ aggravji** mis-sentenza appellata: l-ewwel, li l-ewwel Qorti ma messhiex ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tiegħu dwar in-nullita` tar-Rikors Maħluf minħabba li ma ġewx ippreżentati l-kambjali oriġinali flimkien mal-att li bih infetħet il-kawża; u t-tieni, li l-ewwel Qorti naqset li tagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti li nġabu quddiemha billi mill-atti jirriżulta li l-ammont kien ġie mħallas permezz ta' radd lura ta' vetturi;

13. Illi dwar **l-ewwel aggravju**, l-appellanti jgħid li fit-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu, huwa eċċepixxa n-nullita` tal-proċeduri billi l-appellata naqset li tippreżenta l-kambjali oriġinali. Jgħid li l-ewwel Qorti ma kinitx fis-sewwa meta qieset li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar l-awtentiċita` tagħhom. Jargumenta li l-ħtieġa li l-kambjali oriġinali jkunu mressqa fl-atti tiġi min-natura nfisha tal-kambjali u mill-periklu li, jekk kemm-il darba ma jibqgħux fil-pussess tal-appellata, kull min jiġu f'idejh jista' jitlob il-ħlas tagħhom ukoll. Iżid jgħid li l-kwistjoni tal-awtentiċita` tal-kopji eżebiti mill-appellata m'hijiex daqshekk rilevanti daqskemm il-ħtieġa li l-kambjali oriġinali jkunu quddiem il-Qorti u jkun magħruf fejn u għand min jinsabu tassew. Itemm jgħid li l-fatt li l-ewwel Qorti ordnat lill-

appellata biex tippreżenta lill-appellant il-kambjali oriġinali mal-ħlas, ma jnaqqasx minn dan il-periklu;

14. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid li n-nuqqas li l-appellant jilmenta minnu m'hijiex waħda miċ-ċirkostanzi msemmija taħt l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jikkontempla n-nullita` ta' att ġudizzjarju. Ittenni li saħansitra l-appellant lanqas jgħid taħt liema subartikoli tal-istess artikolu qed iressaq il-pretensjoni tiegħu. Tgħid ukoll li l-liġi ma titlobx li titressaq il-kambjala oriġinali f'azzjoni ta' din l-għamla;

15. Illi jibda biex jingħad li l-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija w ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża w tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

16. Illi f'materja ta' nullita` tal-atti, is-sanzjoni estrema tan-nullita` ta' att ġudizzjarju titlob li l-eċċezzjoni tintlaqa' biss f'każijiet eċċezzjonali meta r-rimedju waħdieni li jingħata lill-imħarrek għall-preġudizzju mġarrab ikun it-tħassir tal-att, kif ukoll jipprovdi l-proviso tal-Artikolu 789(1) tal-Kodiċi. Hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[3]. Din il-fehma tal-Qorti hija msaħħa wkoll bi kliem il-liġi nnifisha meta, b'riferenza għas-sub-inċiż (ċ) tal-

[3] App. Ċiv. 4.11.1991 fil-kawża fl-ismijiet ***Vella v. Ċefai*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.467**).

Artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jingħad li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju ma tistax tingħata jekk kemm-il darba n-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni tal-liġi. F'dan ir-rigward, jiġi f'moħħna l-Artikolu 175 tal-istess Kodiċi li jħalli li jsiru bidliet tassew radikali f'att ġudizzjarju b'mod li ma jħalluhx jitħassar, sakemm bidla bħal dik ma tibdilx fis-sustanza l-azzjoni attriċi jew l-eċċezzjonijiet fil-mertu dwarha[4];

17. Illi l-eċċezzjoni preliminari mistħarrġa mill-ewwel Qorti torbot in-nullita` tal-att ġudizzjarju mal-fatt li l-kambjali oriġinali ma tressqux bħala prova. Kif tajjeb tenniet l-ewwel Qorti, l-awtentiċita` tal-kopji li tagħhom ġew ippreżentati u jifformaw parti mill-atti fl-ebda stadju ma kienet kontestata mill-appellant tul iż-żmien kollu li l-kawża kienet miexja quddiemha. Tqis li n-nullita` li qed jilmenta minnha l-appellant mhix lanqas fost dawk imsemmija mil-liġi bħala ħtieġa *sine qua non* f'azzjoni ta' din is-sura u lanqas jirriżulta li hija waħda miċ-ċirkostanzi msemmija taħt l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ma tarax il-periklu li jilmenta minnu l-appellant, aktar u aktar ladarba l-ewwel Qorti ordnat lill-appellata li mal-ħlas tgħaddi l-korrispondenti kambjali oriġinali lura lill-appellant, kif isir f'ċirkostanzi normali meta jkun hemm ħlas ta' kambjali;

---

[4] App. Inf. PS **15.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Keyland Co Ltd et v. Josephine Xuereb***

18. Illi, fiċ-ċirkustanzi, il-Qorti ssib li l-aggravju m'għandux bażi legali, għaldaqstant mhux ser jintlaqa';

19. Illi bit-**tieni aggravju** tiegħu l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti meta sabet li l-ammont għadu dovut u meta ma laqgħetx il-provi mressqa minnu li biċċa mill-ammont mitlub kien "tħallas" lura bir-radd lura lill-appellata ta' għadd ta' vetturi li dwarhom kienu nħarġu wħud mill-kambjali mertu tal-kawża. Jgħid li l-ewwel Qorti straħet fuq il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellata mingħajr ma tat raġunijiet dwar dan, u wara li warrbet xhieda rilevanti li ressaq quddiemha;

20. Illi l-appellata twarrab b'qawwa dan l-aggravju. Fl-ewwel lok, tisħaq li meta jitqajjem aggravju f'appell dwar l-apprezzament tal-provi li tkun wettqet l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma taqbadx u twarrab dak l-eżerċizzju fejn ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali biex tagħmel dan. Fit-tieni lok, tgħid li jekk l-appellant kellu tabilħaqq prova x'juri li kien ħallas parti mill-kambjali bil-mod imsemmi minnu, l-inqas ħaġa li messu għamel kien li juri dokument li jixhed tali ħlas. Ladarba l-appellant naqas li jressaq imqar l-iċken prova f'dan is-sens, ħadd ma jista' jlum lill-ewwel Qorti milli tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom;

21. Illi ngħad kemm-il darba li meta jitqajjem aggravju dwar l-apprezzament tal-provi minn xi qorti, ir-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[5]. Dan mitqal, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom Qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilita` ta' xhieda li l-ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravita` tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilita` tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[6];

---

[5] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma.***

[6] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et.***

22. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravju tal-appellant. Minn eżami tal-atti, lill-Qorti jirriżultalha numru ta' kambjali ffirmati mill-appellant u martu favur l-appellata[7]. Fil-mori tal-kawża, l-appellata tgħid li tħallsu xi kambjali minnhom u għad baqa' bilanċ favur tagħha fl-ammont ta' €110,040.10c[8]. L-appellant, min-naħa l-oħra, jgħid li radd lura l-parti kbira mill-karozzi[9], li dwarhom inħarġu l-kambjali mertu tal-kawża lill-appellata, iżda m'għandux irċevuti x'juri dwar dan. Fin-nuqqas, ressaq lista mħejjija minnu tal-vetturi li rnexxilu jbigħ u li, mid-dħul tagħhom, jgħid li ħallas lura lill-appellata; lista ta' vetturi li radd lura lill-appellata u lista ta' dawk li żamm għandu[10]. Bint l-appellant tikkonferma dan[11]. L-appellata min-naħa l-oħra, tgħid li ma tafx li kien intlahaq ftehim mal-appellant biex jieħu lura l-vetturi fis-*showroom* tagħha ġewwa H'Attard[12]. L-ewwel Qorti sabet favur l-appellata minħabba nuqqas ta' prova ta' ħlas min-naħa tal-appellant;

23. Illi din il-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid f'dan ir-rigward. Mix-xhieda mressqa jispikkaw żewġ punti ewlenin: l-ewwel wieħed, ix-xhieda konfliġġenti bejn iż-żewġ partijiet; u t-tieni wieħed, in-nuqqas ta' dokumenti min-naħa tal-appellant biex isejjes dak li qed jallega kontra l-appellata. Tqis ukoll li, bħala regola, il-kambjala hija l-prova tal-kontenut

[7] Paġġ. 34 sa 293 tal-proċess.
[8] Ara x-xhieda ta' Stefan Sacco f'paġ. 301 tal-proċess.
[9] Pap. 305 sa 307 tal-proċess.
[10] Ara x-xhieda ta' Raymond Bezzina f'paġġ. 365 sa 368.
[11] Ara x-xhieda ta' Graziella Bezzina f'paġġ. 370 sa 371 tal-proċess.
[12] Ara x-xhieda ta' Stefan Sacco f'paġ. 301 tal-proċess.

tagħha, u kull allegazzjoni kontra dak li jidher fiha trid tkun sostnuta u ppruvata kif jixraq minn min jagħmel l-allegazzjoni kuntrarja[13]. Din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq ix-xhieda tal-appellant meta jgħid li m'għandux riċevuti x'juri għaliex Michael Attard ma kienx ikun irid jagħtih riċevuti meta jħallas. Xhieda bħal din, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li ħarġu dwar il-ġrajja twila li hemm bejn il-partijiet, tixhed traskuraġni jekk hija minnha. Fuq kollox, fid-dawl ta' xhieda bħal din ma hemm xejn irraġonevoli fl-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel Qorti dwar liema provi tilqa' bħala dawk li setgħet toqgħod fuqhom u liema mill-partijiet kellha l-aktar temmen;

24. Illi meta l-Qorti tqis dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, qajla ssib x'tista' tiċċensura fl-aġir tal-ewwel Qorti. Fil-fehma tagħha, l-appellant naqas li jressaq il-prova li kienet mistennija minnu u b'hekk, dan it-tieni aggravju wkoll mhux mistħoqq u mhux ser jintlaqa';

***Deċide:***

25. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-intimat Raymond Beżżina billi mhux mistħoqq la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju, 2018, fil-

[13] Kumm. GS **13.1.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Ċefai et v. Rosario Mintoff*** (mhix pubblikata).

kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm